# QDUSIJA FRANĠISKANA FUQ IS-SIJON

Żernaq is-26 ta' Marzu 1936, u dak il-jum imbierek ra l-Uulied ta' San Franġisk telgħin l-għolja ta' Sijon. Fuq wiċċhom kienet tinqara l-hena ta' qalbhom, u fuq għajnejhom kollhom ħajja kien qed ileqq dmugħ ta' ferħ. Erba' mitt sena qabel il-Musulmani kienu keċċewhom minn fuq l-Għolja wara li bix-xwabel tagħhom kienu tertqu u biċċru l-iġsma safja tal-Patrijiet li "ħażen" iehor ma għamlux għajr li ħabbew lil Kristu fis-skiet u fil-ġabra, u l-proxxmu fl-imsieraħ ta' l-ibliet bix-xandir tal-Vanġelu.

Iżda fiċ-Ċenaklu ma daħlux. Dak il-lok imbierek, l-ewwel Santwarju tal-Ġnus Insara, kien f'idejn il-Misilmin, u issa f'idejn il-Lhud. B'danakollu l-Patrijiet riedu jisharu għad-dell tiegħu u bnew Kunvent qribu. Minn hemm l-għanejn tal-Patrijiet iħarsu xewqana lejn iċ-Ċenaklu u qalbhom tħabbat b'ritmu ta' tama — tama li ma jdumux ma jerġgħu jiksbu ċ-Ċenaklu u fih igħammru, fih jitqaddsu, minnu joħorġu jgħallmu t-tagħlima ta' l-Akbar Imħabba.

Qabilhom, erwieħ Franġiskani, sabu bejn l-erba' ħitan taċ-Ċenaklu s-sigriet tal-qdusija u ħadmu, u batew, u mietu għal Kristu. Isimhom għadu jidwi fuq l-Għolja ta' Sijon, u d-demm tal-martri għadu jċarċar aħmar, igħanni f'mixjietu l-għanja tar-rebħa. L-Għolja ta' Sijon, xhieda tal-misteru tal-għeneb u s-sbul li sar lejliet il-ġrajja tal-Fidwa tagħna, hija marbuta mal-qdusija Franġiskana. Sijon tat lill-Ordni tal-Patrijiet Minuri, isem dejjiemi u rawmitlu bosta minn uliedu fil-qdusija.

**L-GĦOLJA TA' SIJON**

L-Għolja ta' Sijon għandha sehem kbir fil-ġrajja tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Awl il-lejl qabel ma miet, Ġesù, fuq din l-Għolja, sewwa sew fiċ-Ċenaklu, kiel l-aħħar ikla ma' l-Appostli Tiegħu, u tana s-Sagrament ta' l-Imħabba. Ġesù tana l-Ewkaristija fuq l-Għolja ta' Sijon biex minn hemm tisraq u tjassar għal warajha l-erwieħ mitlufa fil-widien tal-ġibdiet, u fuqha jsammru ħarsithom għajjiena.

L-Għolja ta' Sijon għandha wkoll sehem fil-ġrajja tal-bidu tal-Knisja. L-Appostli flimkien ma' Marija kienu fiċ-Ċenaklu meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu nhar l-Għid il-Ħamsin. U dak inhar twieldet il-Knisja, u l-Appostli mimlija bil-qawwa ta' l-Ispirtu t'Alla, niżlu mis-Sijon, ixandru ma' l-Art Imqaddsa u mad-dinja kollha lil Kristu Msallab, Feddej tal-ġnus.

Fil-ħaqq kollu, Sijon hija l-Għolja tat' l-Imħabba u l-Qdusija, u ċ-Ċenaklu l-ewwel Santwarju tad-dinja nisranija.

San Franġisk, flimkien ma' wħud mill-ewlenin uliedu, wasal fl-Art Imqaddsa fis-sena 1219. Sewwa sew ma nafux jekk qabel telaq, il-Qaddis ħalliex xi Patrijiet hemmhekk. Hu storikament minnu li fis-sena 1230 il-Franġiskani daħlu Ġerusalemm. U mess l-Ulied ta' San Franġisk li jifdu minn idejn il-Mislem u jħarsu bl-aqwa għożża s-Santwarji li jfakkruna fil-Fidwa. Biex irnexxielhom jagħmlu dan, batew, inħaqru, mietu... iżda Alla kien magħhom, u rebħu..

Hawnhekk nitkellmu biss fuq l-Għolja tas-Sijon u ċ-Ċenaklu, u naraw kif dawn il-postijiet imbierka rawmu erwieħ kbar li isimhom il-lum jilma, bħall kwiekeb leqqiena, fis-sema tal-qdusija Serafika.

**APPOSTLI TAL-PAĊI**

Għall-ewwel il-Patrijiet ma rnexxilhomx jifdu u jiksbu ċ-Ċenaklu, għalhekk bnew għarajjex qrib, u dawn kienu jservuhom ta' Kunventi. Mażżmien fdew iċ-Ċenaklu. U ċ-Ċenaklu sar nieqa ta' qdusija Franġiskana.

Il-Franġiskan iħoss li l-vokazzjoni tiegħu tridu jaħdem ukoll għall-qdusija ta' l-oħrajn. Iżda qabel xejn irid jitqaddes hu nnifsu. L-Għolja ta' Sijon bis-Santwarju għażiż taċ-Ċenaklu kienet tiġbed lejha erwieħ Franġiskani biex qabel joħorġu fil-beraħ tal-bliet ixandru lil Kristu, jitilgħu fuq l-Għolja, u għas-skiet mitlufa f'Alla, jitqaddsu. X'uħud minn dawn il-Franġiskani għexu ftit, oħrajn damu fuq is-Sijon, iżda lkoll tgħallmu tagħlima waħda — kif isiru qaddisin huma u kif iqaddsu 'l oħrajn.

San Ġwann minn Capistrano (+ 1456), wieħed mill-aqwa Qaddisin Franġiskani, u kolonna qawwija tal-Knisja, għex għal xi żmien fuq l-Għolja ta' Sijon. Hemmhekk tqaddes u wara ħareġ ixandar u jiddefendi l-Knisja ta' Kristu ma' l-Ewropa kollha. Kien wieħed li tħabat bla heda biex iżomm bla mittiefes il-ħarsien tar-Regola tagħna.

Il-Beatu Tumas minn Firenze (+ 1447) għex ukoll fuq is-Sijon. Meta mbagħad ħassu qawwi biżżejjed fil-qdusija telaq lejn Ċipru jxandar il-kelma t'Alla. Għamel bosta mirakli u l-kelma setgħana ta' fommu għamlet ġid kbir fl-erwieħ tan-nies ta' dik il-Gżira.

Mis-Sijon ukoll niżel jevanġelizza l-Abissinja il-Beatu Erkulanu minn Pregale (+ 1451) predikatur imsemmi u qaddis. Fl-Abissinja bata s-swat, ħaġġruh u dam aktar minn xahar mitfugħ ġo bir bla ilma, bla jagħtuh ikel u kemm kemm jagħtuh jixrob.

Il-Beatu Xmuni minn Lipnika (+ 1482) wara li żar u għex fuq is-Sijon reġa' lura lejn il-Polonja, pajjiżu, ixandar id-devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Meta l-pesta niġġset il-Polonja kollha, il-Beatu ħadem bla heda qalb l-appestati u miet b'dik il-marda kerha fis-sena 1482.

Il-Beatu Antonju Bonfadini (+ 1482), appostlu mill-aqwa ta' l-Italja, għadda xi żmien fl-Art Imqaddsa, l-aktar fil-Kunvent taċ-Ċenaklu minn fejn xorob imħabba kbira lejn l-Ewkaristija u l-Passjoni ta' Kristu.

Ta' min isemmi wkoll, għalkemm għad ma għandux kult publiku, il-Beatu Mikiel Carcano minn Milan (+ 1461), Franġiskan ta' qalb kbira, appostlu tal-kelma t'Alla. Daqshekk kienet kbira l-ħidma tiegħu fil-qasam tal-predikazzjoni, li n-nies ta' żmienu kienu jsibuh b'"San Pawl tas-seklu ħmistax". Minn fejn din il-ħeġġa kollha? Minn dak il-ftit atż-żmien li għadda jgħix waħdu ma' Alla fuq l-Għolja ta' Sijon.

**DEMM SERAFIKU**

Bilkemm kienu għadhom il-Franġiskani ħadu f'idejhom il-ħarsien taċ-Ċenaklu, li ma tqumx persekuzzjoni kbira kontrihom. Fil-belt ta' Ġerusalemm l-insara u l-Franġiskani kienu qed imutu bil-mijiet taħt id-daqqiet mewwieta tax-xwabel tal-Mislem. L-ewwel demm Serafiku kien qed iħammar it-triqat ta' l-Art Imqaddsa, fejn snin u snin qabel kien xtered id-demm fejjiedi ta' l-Iben t'Alla għall-ħelsien tagħna.

Il-qawwiet tas-Sultan ta' l-Eġittu, immexxija minn Malek El-Bibars telgħu l-Għolja ta' Sijon u qatlu kemm sabu Patrijiet u nsara. Dan ġara fis-sena 1245. Mitt sena wara, għalhekk fis-sena 1367, it-tnax-il patri li kienu jgħammru fuq is-Sijon ġew maqtula mill-Misilmin, wara li dawn faqgħu l-bibien tal-kunvent u farrku u ħarqu kull ma ġie għal idejhom. U l-martri Franġiskani baqgħu jagħtu xhieda ta' Kristu sas-sena 1558, sena, meta ċ-Ċenaklu waqa' f'idejn il-Mislem. Iżda qabel waqa' l-Franġiskani mietu qalbiena, u l-Mislem kellu jirfes fuq ġisimhom mejjet ħdejn il-bieb taċ-Ċenaklu, biex jidħol u jaħkem is-Santwarju fejn Ġesù waqqaf l-Ewkaristija Mqaddsa.

Mijiet huma l-ismijiet tal-martri li trawmu fil-qdusija fuq l-Għolja ta' Sijon. *Il-Beati Nikol Tavilich minn Sebenik; Deodatu Ariberti minn Ruticinio; Pietru minn Narbonne,* u *Stiefnu minn Cuneo* qattgħu bosta snin fil-kunvent ta' Sijon. Minn hemm niżlu jxandru lil Kristu fil-Moskea ta' Omar fejn il-Mislem fost daħk, dagħa, swat u żebliħ qatgħalhom rashom u ħaraqhom. Dan ġara fl-1391. Il-*Ven. Gundisalv minn Compostella,* Patri ta' Sijon, miet fil-ħabs ta' Ġerusalemm għal ħabta ta' l-1366, talli għallem id-Duttrina Nisranija. Il-*Ven. Ġwanni minn Calabria* waqt il-vjaġġ lejn il-kunvent tiegħu ta' Sijon, minn fejn kien telaq missjunarju fl-Abissinja, ġie maqtul Ġerusalemm u ġismu mqatta' bċejjeċ. Dan ġara fis-sena 1483. Nagħlaq, biex inqassar, bl-isem tal-*Ven. Ġinepru minn Sqallija,* li miet martri fl-1547, taħt id-daqqiet bla ħniena tal-Qadi ta' Ġerusalemm talli xandar il-Vanġelu fil-misraħ tal-Moskea Omar.

Ftit ismijiet mill-mijiet ta' oħrajn li isimhom iħammar rebbieħ taħt it-Tron t'Alla fis-Saltna ta' mħabbtu!

**GĦARAJJES TA' ĠESÙ'**

Mhux biss l-ismijiet tal-Patrijiet, iżda wkoll ismijiet ta' Wlied San Franġisk nisa fit-Tielet Ordni, huma marbuta għal dejjem mal-Qdusija Serafika fuq is-Sijon. Tgħidilna l-ġrajja ta' l-Art Imqaddsa, li għal ħabta ta' nofs is-seklu XIV, waħda Terzjarja twajba minn Firenze waqqfet dar kbira fuq is-Sijon għall-pellegrini nisa'. F'qasir żmien din id-dar saret ċentru ta' qdusija. Bosta nisa twajba kienu jmorru jgħammru fiha, biex fil-ġabra jintrefgħu 'l fuq lejn Alla. Hekk għamlu fost l-oħrajn fis-sena 1371 *Santa Briġida minn Svezja,* u binitha *Santa Katerina.* Għexu għal xi żmien fuq is-Sijon, tgħallmu l-kobor tal-qdusija u mbagħad reġgħu lura lejn arthom. Santa Briġida kienet ħadidnet ir-Regola tat-Tielet Ordni Franġiskan ftit jiem wara ż-żwieġ tagħha. Binitha, li għexet dejjem f'verġinità perfetta, mietet fis-sena 1381, badessa tal-kunvent ta' Wadzen, imwaqqaf snin qabel minn ommha.

Qaddisa kbira li telgħet fuq is-Sijon biex miċ-Ċenaklu titheġġeġ fl-imħabba lejn Ġesù Ostja, kienet Sant'Anġla Meriċi, xebba terzjarja u fundatriċi tas-Sorijiet Orsolini. Din il-qaddisa żaret l-Art Imqaddsa u talbet fis-Santwarji kollha, iżda l-għaxqa tagħha sabitha fil-ħemda tas-Sijon għad-dell taċ-Ċenaklu. Sant'Anġla meta reġgħet lura lejn artha, ħadet magħha ġo sidirha mħabba kbira lejn l-Ewkaristija li ħalliet lil Uliedha s-Sorijiet bħala l-għeżeż tifkira tagħha. Mietet fis-sena 1440. Għexet ukoll fuq is-Sijon l-armla terzjarja, il-Beata Mikelina minn Pesaro, nobbli tal-familja Metelli. Hekk talbet għarkubtejha fiċ-Ċenaklu, li rkobbitha tal-lemin saritilha pjaga waħda Nadqraw fil-ħajja ta' din il-Beata, li kienet ta' sikwit tintilef fl-estasi waqt li kienet tkun titlob fiċ-Ċenaklu.

TAMA . . .

Sa hawnhekk il-ġrajja tal-qdusija Franġiskana fuq is-Sijon. Għad forsi jasal jum meta ċ-Ċenaklu jkollu, għal darb'oħra, il-Franġiskani bħala har-riesa tiegħu. L-Għolja tas-Sijon tat lill-Ordni tagħna erwieħ kbar, u meta, f'dak il-jum imbierek tas-26 ta' Marzu 1936, il-Patrijiet tagħna reġgħu telgħu fuq is-Sijon, minn fommhom ħarġet talba: "Mulej, agħtina taħt il-ħarsien tagħna ċ-Ċenaklu. Agħmilna qaddisin bħal dawk li għexu qabilna fuq din il-għolja mbierka."

U qalbhom imtliet bit-tama...

P. MARJANU VELLA, O.F.M.
*Surmast tan-Novizzi.*

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' MALTA U TA' BARRA

### "LEĦEN L-ART IMQADDSA"

Mal-bidu ta' dis-sena 1955, kif ta-raw, ħarġet, ma' ħafna oħrajn, ukoll din ir-Rivista tagħna, "Leħen l-Art Imqaddsa". In-nies kienu ilhom ħafna jitolbuna biex noħorġuha, għax il-Maltin iħobbu għall-aħħar jaqraw fuq l-Art li fiha tkomplew il-Misteri Mqaddsa tar-Reliġjon Nisranija. Issa aħna ikkontentajnihom, imma għandhom jiftakru li biex toħroġ Rivista serja mhux biss trid ħafna nfiq ta' flus, imma wkoll xogħol ta' kitba u, aqwa minn kollox, ħafna taħbil ir-ras, billi aħna rridu nagħtu lin-nies qari mill-aħjar li jista' jkun. M'għandu jkun hemm ħadd mela minn dawk li huma miktuba fl-Opra tal-Qabar ta' Kristu li ma jissieħibx f'din ir-Rivista għax per mezz tagħha tkunu tafu x'inhu jsir fl-Art Imqaddsa u m'niex huma għad-dejja r-Rhieb tal-Qabar ta' Kristu, u x-xogħol li qegħdin jagħmlu fil-Missjonijiet tagħhom. Wara li taqrawha, erfgħuha, u meta jkollkom għadd sew-wa, illegawhom flimkien, biex jibqgħu jiswewlkom bħala qari ta' fejda, u wliedkom jiksbu minnha ħafna tagħlim meħtieġ. Min irid jissieħeb fiha, għandu jikteb jew ikellem lill-Wisq Rev. Patri Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

### TIFKIRA TAS-SENA TAL-MADONNA

Bħala tifkira ta' Egħluq il-Mitt Sena tad-Domma tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Madonna, il-Patrijiet tal-Qabar ta' Kristu ħarġu xbihat sbieħ, jew santi tal-Ven. John Duns Scotus, li kien Raħeb Franġiskan u li kien hu l-aktar li tħabat biex il-Papa fl-aħħar xandar dan id-Domma. Għalhekk min irid minn dawn is-santi, ikellem lil Patri Nikol Magro, Kummissarju tat-Terra Santa, fl-indirizz fuq imsemmi.

### PELLEGRINAĠĠI GĦALL-QABAR TA' KRISTU

Ma' tul is-sena li għaddiet marru għadd ġmielu ta' Pellegrinaġġi għal Ġerusalemm minn artijiet barranin. L-aktar ta' min isemmihom kienu: Pellegrinaġġ tal-Lawreati ta' l-Azzjoni Kattolika, li kienu xi mitejn ruħ, nisa u rġiel. Żewġ Pellegrinaġġi oħra Franġiskani. Pellegrinaġġ ieħor magħmul mill-grupp "Richelieu", li kien ma' dwar 350 ruħ. Ieħor magħmul minn xi 120 qassis, ieħor tal-Pawlini, u